MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1151/2011

Mario Vella u Victoria Vella
vs
Goldline International Traders Limited (C 33096)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi s-socjeta` intimata kienet talbet facilita` bankarja, fil-forma ta' *"overdraft"* mighand il-bank HSBC Bank Malta p.l.c. sa ammont massimu ta' mija u tmenin elf Lira Maltija (Lm180,000) ossia erba' mija dsatax-il elf mitejn u sebgha u tmenin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu ta' l-Ewro (€419,287.21) fis-27 ta' Ottubru 2004 (vide Dok. 1 anness mar-rikors);

2. Illi r-rikorrent Mario Vella kien azzjonista fis-socjeta` konvenuta f'dak il-perjodu, u ntalab sabiex jaghti garanzija personali flimkien mal-azzjonisti l-ohra, fejn l-

azzjonisti kollha solidalment bejniethom kienu qed jiggarantixxu d-debitu mas-socjeta` intimata;

3. Illi oltre ghall-garanzija surriferita, l-azzjonisti tas-socjeta` intimata ntalbu li jaghtu ipoteka generali u ipoteka specjali, u dan sabiex is-socjeta` konvenuta tkun tista' tinghata l-facilita` surriferita;

4. Illi sussegwentement, in konsegwenza ta' proceduri istitwiti mir-rikorrent Mario Vella, is-socjeta' intimata saret obbligata li takkwista l-ishma ta' Mario Vella (vide Dok. 2 anness mar-rikors) u konsegwentement ir-rikorrent Mario Vella interpella lis-socjeta` konvenuta sabiex tilliberah mill-garanzija moghtija minnu fl-interess tas-socjeta` konvenuta;

5. Illi s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, u konsegwentement ir-rikorrenti baqghu jiggarantixxu l-facilita` bankarja tas-socjeta` intimata;

6. Illi fil-15 ta' Novembru 2010, ir-rikorrenti gew interpellati sabiex ihallsu s-somma certa, likwida u dovuta ta' hmistax-il elf mitejn u hamsa u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu ta' l-Ewro (€15,225.72) *"plus any debit interest accured thereon",* u konsegwentement talbu lill-bank imsemmi jindika l-mod ta' kif dan l-ammont gie likwidat, izda l-bank irrifjuta li jaghmel hekk minhabba konsiderazzjonijiet relatati mas-sigriet bankarju;

7. Illi fit-3 ta' Gunju 2011, il-bank HSBC Malta p.l.c., permezz ta' ittra ufficjali *ai termini* ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, interpella lir-rikorrenti sabiex ihallsu "s-somma certa, likwida u dovuta ta' hmistax-il elf, hames mija, sebgha u sittin Euro u hamsa u sebghin cent (€15,567.75), dovuti minnkom bhala garanti solidali ta' Goldline International Traders Limited, oltre l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena minn sitt xhur qabel id-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv" u dan *ai termini* tal-garanzija moghtija minnu ghall-facilita` bankarja moghtija lis-socjeta` konvenuta (vide Dok. 3 anness mar-rikors), u dan *stante* li s-socjeta` konvenuta iddikjarat li

mhix kapaci thallas lura s-somom avvanzati lilha mill-bank in kwistjoni;

8. Illi fil-15 ta' Gunju 2011 r-rikorrenti kienu taw struzzjonijiet lill-imsemmi bank sabiex jiddebita l-kont taghhom bis-somma ta' sittax-il elf, seba' mija u sitta u hamsin Ewro u sitt centezmi ta' l-Ewro (€16,756.06), u li din is-somma kellha tigi kreditata lill-kont bankarju tas-socjeta` intimata (vide Dok. 4 anness mar-rikors);

9. Illi r-rikorrent Mario Vella interpella lis-socjeta` konvenuta sabiex thallsu lura s-somma ta' sittax-il elf, seba' mija u sitta u hamsin Ewro u sitt centezmi ta' l-Ewro (€16,756.06) oltre l-imghaxijiet mill-15 ta' Gunju 2011 sad-data tal-hlas effettiv (vide Dok. 5 anness mar-rikors), izda s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti u sahansitra iddikjarat li l-ammont mhux dovut (vide Dok. 6 anness mar-rikors);

10. Illi sussegwentement, ir-rikorrent Mario Vella kien ikkonfronta lill-bank HSBC Bank Malta p.l.c. dwar l-allegati spejjez legali li kienu komprizi fl-ammont imsemmi ta' sittax-il elf, seba' mija u sitta u hamsin Ewro u sitt centezmi ta' l-Ewro (€16,756.06), u sussegwentement kien gie rifuz lura lir-rikorrenti l-ammont ta' sitt mija u disgha u sebghin Ewro u seba' centezmi ta' l-Ewro (€679.07), b'dan li effettivament il-kreditu tar-rikorrenti huwa dak ta' sittax-il elf u sitta u sebghin Ewro u disgha u disghin centezmu ta' l-Ewro (€16,076.99), oltre imghax legali u spejjez legali;

11. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u fil-fehma tar-rikorrenti s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;

12. Illi ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 u dan peress illi s-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjoni valida x'tissolleva bhala difiza valida, kif jidher mill-affidavit anness mar-rikors (vide Dok. 7);

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' sittax-il elf u sitta u sebghin Ewro u disgha u disghin centezmu ta' l-Ewro (€16,076.99), oltre l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Gunju 2011 sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti flejjes imhallsa mir-rikorrenti *qua* garanti tas-socjeta` intimata f'facilita` moghtija mill-bank HSBC Bank Malta plc, lis-socjeta` intimata;

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf u sitta u sebghin Ewro u disgha u disghin centezmu ta' l-Ewro (€16,076.99), oltre l-imghaxijiet fir-rata ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Gunju 2011 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali maghmula *ai termini* ta' l-Artikolu 166A bin-numru 132/2011, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat il-verbal tal-lum minn fejn jirrizulta li:

"Dr. Ghaznavi u Dr. Naudi fil-prezenza tar-rikorrent jiddikjaraw li waslu fi ftehim fis-sens li s-socjeta` intimata tammetti t-talba b'dan li bi qbil mar-rikorrent, l-imghax jiddekorri mit-22 ta' Lulju, 2011, u jitolbu sentenza f'dan is-sens, u ghalhekk l-ispejjez huma kontra s-socjeta` intimata fuq bazi ta' ammissjoni."

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tiddikjara li s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' €16,076.99, oltre l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mit-22 ta' Lulju, 2011 skond kif ivverbalizzat illum stess, sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti flejjes imhallsa mir-rikorrenti *qua* garanti tas-socjeta` intimata f'facilita` moghtija mill-bank HSBC Bank Malta p.l.c., lis-socjeta` intimata.

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €16,076.99, oltre l-imghaxijiet fir-rata ta' 8% fis-sena mit-22 ta' Lulju, 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali maghmula *ai termini* ta' l-Artikolu 166A bin-numru 132/2011, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------